MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Numru. 1055/2011

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jean Fred Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 531184 (M).

**Akkuzat talli:**

A. Talli nhar id-9 ta` Setembru 2011, ghall-habta tas-06:30 ta` filghodu u aktar tard ghal habta tas-06:45 ta` filghodu, filwaqt li kien gewwa n-New Life Bar, li jinsab fi Pjazza Gavino Gulia, gewwa Bormla, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta` Raphael Muscat minn Bormla, f'periklu car, ikkagunalu feriti ta` natura gravi f'wiccu u fil-pala t'idu x-xellugija, permezz ta` tnalja u mus, skond ma ccertifikat Dr. R. M. Spiteri M.D., mic-Centru tas-Sahha ta` Bormla u minn Dr. Doreen Cini M.D., mit-Taqsima tal-Emergenza tal-isptar Mater Dei, liema ferita

iggiblu debulizza permanenti, mankament jew sfreggju f'wiccu u fil-pala tal-id;

B. Talli nhar id-9 ta` Settembru, 2011, ghal habta tas-06:45 ta` filghodu, filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, gewwa Bormla, dolozament bil-hsieb li jikkaguna ferita ta` natura gravi fuq il-persuni ta` Raphael Muscat minn Bormla; Carmelo Debono minn Bormla u persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, billi saq il-vettura tal-ghamla Ford, mudell Fiesta, bin-numru tar-registrazzjoni HAB-603, fid-direzzjoni tal-istess Raphael Muscat, Carmelo Debono u persuni ohra, liema delitt ma` giex esegwit minhabba xi haga acidentali jew indipendenti mill-volonta` tieghu;

C. Talli nhar id-9 ta` Settembru, 2011, ghal habta tas-06:45 ta` filghodu, filwaqt li kien gewwa n-New Life Bar, li jinsab fi Pjazza Gavino Gulia, gewwa Bormla, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta` Carmelo Debono minn Bormla f'periklu car, ikkagunajtlu feriti ta` natura gravi f'wiccu permezz ta` mus, skond ma ccertifikat Dr. R. M. Spiteri M.D., mic-Centru tas-Sahha ta` Bormla, liema ferita ggiblu debulizza permanenti, mankament jew sfreggju f'wiccu;

D. Talli nhar id-9 ta` Settembru, 2011, ghal habta tas-06:45 ta` filghodu, filwaqt li kien gewwa n'New Life Bar, li jinsab fi Pjazza Gavino Gulia, gewwa Bormla, u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta` Bormla, bi vjolenza u b'theddid gieghel lis-surgent tal-Pulizija 192 Ramon Godano; il-kuntistabbli tal-Pulizija 886 Emanuel Micallef; il-kuntistabbli tal-Pulizija 1356 Rene Fenech u l-kuntistabbli tal-Pulizija 515 Andrea D'Amato, bhal Ufficjali Pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

E. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fl-inhawi ta` Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta` Bormla, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuni tas-surgent tal-Pulizija 192 Ramon Godano; il-kuntistabbli tal-Pulizija 886

Emanuel Micallef, il-kuntistabbli tal-Pulizija 1356 Rene Fenech u l-kuntistabbli tal-Pulizija 515 Andrea D'Amato, bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` Ordni mghoti skond il-Ligi mill-Awtorita` kompetenti;

F. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt lli kien fl-inhawi ta` Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta` Bormla, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni tas-surgent tal-Pulizija 192 Ramon Godano, il-kuntistabbli tal-Pulizija 886 Emanuel Micallef, il-kuntistabbli tal-Pulizija 1356 Rene Fenech u l-kuntistabbli tal-Pulizija 515 Andrea D'Amato, bhala persuni ta` wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta` dak is-servizz;

G. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, u cirkostanzi filwat li kien fl-inhawi ta` Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta` Bormla, ma obdhiex l-ordnijiet Legittimi tal-Awtorita` jew ta` wiehed li kien inkarigat minn Servizz Pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

H. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fl-inhawi ta` Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Gassa ta` Bormla, stieden ghall-glied lis-surgent tal-Pulizija 192 Ramon Godano; il-kuntistabbli tal-Pulizija 886 Emanuel Micallef; il-kuntistabbli tal-Pulizija 1356 Rene Fenech u l-kuntistabbli tal-Pulizija 515 Andrea D'Amato, u ufficjali ohra tal-Pulizija;

I. Akkuzat ukoll talli filwaqt li kien gewwa n-New Life Bar, gewwa Bormla, qabad armi (cioe` sikkina) kontra Raphael Muscat u Carmelo Debono;

J. Barra minn dan akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkustanzi, filwat li kien fl-inhawi ta` Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta` Bormla,

volontarjamnet kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b’ghajjat u glied;

K. U aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkosatnzi, filwaqt li kien fl-inhawi ta` Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta` Bormla, qal kliem oxen, indicenti u dagha;

L. Barra minn dan, akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza` li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew kien imissu kien jaf li, b’tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza`;

M. Akkuzat ukoll talli, nhar id-9 ta` Settembru, 2011, ghal habta tas-06:45 ta` filghodu filwaqt li kien fl-inhawi ta` Bormla, saq il-vettura b’manjiera perikoluza u b’velocita` eccessiva;

N. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu mus minghajr il-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

O. U aktar bill, nhar id-9 ta` Settembru, 2011, ghal habta tas-06:30 ta` filghodu u s-06:45 ta` filghodu, filwaqt li kien fl-inhawi ta` Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta` Bormla, rispettivament, naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet li gew imposti mill-Qorti Kriminali, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D., fid-Digriet li gie mghoti nhar il-15 ta` Gunju, 2011, u li bih inghata l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 16 tal-Att Numru 16 ta` l-2006;

P. Il-Qorti hi mitluba ukoll sabiex is-somma ta` elfejn ewro (€2,000), liema somma kienet bhala Garanzija Personali, fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D., fid-Digriet li gie mghoti nhar il-15 ta` Gunju, 2011, tigi mghoddija lill-Gvern ta` Malta u dan kif stipulat fl-

Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 16 (1) tal-Att Numru 16 tal-2006.

Barra minn hekk talli kiser diversi ordnijiet ta` Probation mghotija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat id-19 ta` Marzu, 2011, u mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fis-27 ta` April, 2011.

Il-Qorti hi mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta` JeanFred Vella u dan skond kif inhu mitlub fl-Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tapplika ukoll l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.
Il-Qorti hija mitluba wkoll li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta` htija ma` kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 218 (1) (a) (b), 214, 216 (1) (a) (b), 91, 96, 95, 338 (ee), 339 (1) (a), 339 (1) (b) u 251 (B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u 15 (1) u l-iskeda 2 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ghall-perjodu ta` tmintax (18) il-xahar, pero a tenur tal-Artikolu 28 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta` Malta, tiddikjara illi dan it-terminu m'ghandux jigi servut sa kemm fi zmien sentejn (2) mil-llum l-imputat jinstab hati ta` reat iehor li jgib mieghu l-piena ta` prigunerija.

Ukoll din il-Qorti qed tikkundanna lill-istess imputat sabiex ihallas l-ammont ta` elfejn ewro (€2,000) li jirraprezentaw Garanzija Personali imposta mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D., f'digriet tal-15 ta` Gunju, 2011, kif stipulat l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 16 subinciz 1 tal-Att Numru 16 tal-2006 tal-Ligijiet ta` Malta u dan fi zmien sentejn mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------